# Kelmtejn Mill-Caritas Malta Epilepsy Association

**Tel: 23402845, 27436442, 21233933** **email: janet.mifsud@um.edu.mt**
**Fax: 21320281** **zenit@onvol.net**

**Mejju 2007.** **Nru. 27**

## Introduzzjoni

Kif dejjem nghid l-iskop ta' l-ghaqda huwa li jinholoq gharfien dwar l-epilessija. B'hekk in-nies ikunu jafu x'inhi din il-kundizzjoni u jkun possibbli li jkunu ta' ghajnuna meta xi hadd ikollu accessjoni fil-prezenza taghhom. Importanti hafna li jkunu jafu x'qed jigri ghax dan inaqqas il-biza' li tista' tohloq accessjoni f'min qed jaraha tigri.

Ghal dan l-iskop ahna bdejna diskussjonijiet mal-kullegg tat-tobba tal-familja biex fis-seminar Nazzjonali li jmiss nindirizzaw lit-tobba, nfermiera u spizjara fost professjonisti ohrajn biex dawn ikunu aktar f'posizzjoni li jaghtu kura u attenzjoni lil dawk li jhabbtu wicchom maghhom li ghandhom l-epilessija.

## Laqghat Ghall-2007

Hawn taht qed ninkludu d-dati ghal laqghat li ser isiru matul il-kumplament tas-sena. Dejjem fis-6.00pm il-Caritas Malta, 5, Lion Street, Floriana

**13 ta' Lulju**
**15 ta' Settembru**
**9 ta' Novembru**

## In-Service Course

Ghat-tielet sena konsekuttiva id-dipartiment ta' l-edukazzjoni stieden lill-Assocjazzjoni taghna biex tniedi l-In-Service Course dwar l-epilessija ghall-ghalliema u l-facilitators ta' l-iskejjel. Diga' kellna konkorrenza tajba ghal dan il-kors u dan lilna jaghmlilna hafna kuragg. Din is-sena, waqt dawn it-tlett ijiem ser jaghtu sehemhom EEG technician, farmakologista, konsulenta tat-tfal, facilitator u voluntiera li ser jaghtu l-esperjenzi taghhom ukoll.

## Nies famuzi li kellhom l-epilessija

Mil-lum nixtiequ nibdew ninkludu artikli fuq xi nies famuzi li whud minnhom anki biddlu l-istorja tad-dinja. Dan qed naghmluh biex nuru li persuna li ghandha l-epilessija jista' jkollha kapacitajiet kbar u sbieh. Ghalhekk wiehed ghandu jhares lejn il-futur tieghu b'aspett pozittiv u jghix hajja normali.

Bniedem li ghandu l-epilessija m'ghandux jaqta' qalbu imma jizviluppa t-talenti u l-kapacitajiet tieghu ghax b'impenn jista' jirnexxi daqs haddiehor. M'ghandux ihalli l-epilessija jew l-istess socjeta' (li ma tafx xi tfisser din il-kundizzjoni) izzommu milli johrog il-personalita' tieghu li wara kollox tista' tkun ghal gid tieghu innifsu kif ukoll ghall-gid ta' haddiehor.

L-ewwel persuna li ser nitkellmu fuqha hi:-

**Alfred Nobel**

Alfred Nobel twieled fil-21 ta' Ottubru 1833 fi Stokkolma. Fi ckunitu kwazi ghadda mill-istess destin ta' hutu li mietu meta kienu tfal. Tfulitu kienet mimlija mard, djufija fizika w ghaks. Skond bibliografi li kitbu fuqu, kien grazzi ghall-imhabba u dedikazzjoni shiha t'ommu li Alfred irnexxielu jeghleb dan iz-zmien iebes. Fil-poezija "You are a riddle" li kiteb fuqu nnifsu, b'Ingliz tajjeb hafna, Nobel juri bic-car kemm kienu iebsin dawn is-snin ta' hajtu.

*My cradle looked a deathbed, and for years*
*a mother watched with ever anxious care,*
*so little chance, to save the flickering light,*
*I scarce could muster strength to drain the breast,*
*and the convulsions followed, till I gasped*
*upon the brink of nothingness* - *my frame*
*a school for agony with death for goal.*

Nobel kellu l-epilessija meta kien tifel? L-accessjonijiet li naqraw fuqhom kienu fil-fatt ta' natura epilettika. L-epileptologu Amerikan tas-seklu 20, William Gordon Lennox, hekk jahseb. Fil-Ktieb famuz hafna "L-Epilessija u Kundizzjonijiet Relatati" hu jikteb "Nobel kien suggett ghal emikranja u accessjonijiet minn ckunitu". Hawn qed jaghmel referenza cara ghall-poezija ta' Nobel.

Hija probabbilta' kbira li l-fundatur tal-premju Nobel ma baqax ibati bl-epilessija meta kiber imma mhux impossibli li Alfred kellu l-epilessija meta kien tifel li geghlitu jikteb fuqha u fuq l-accessjonijiet u t-tbatija msemmija fil-poezija.

Epileptologu jkollu jghid li Nobel probabbli ma kienx genju bl-epilessija imma kien genju li kellu l-accessjonijiet epilettici  meta kien zghir.

**PAMs – (Professionals Allied to Medicine)**

F'April li ghadda saru l-ahhar laqghat bejn is-siehba li hadu sehem fil-programm sponsorjat mill Unjoni Ewropea tal-Grundtvig 2 "Curriculum for Professionals Allied to Medicine"

Rapprezentanti mill Germanja u l-Ungerija kienu Malta bejn is-26 u t-30 ta' April. Fost laqghat ohrajn sar seminar ta' nofs ta' nhar ghal professjonisti u voluntiera. Dawn kienu jinkludu infermiera, farmacisti, 'facilitators', psikologi, 'carers' u voluntiera ta' l-assocjazzjoni taghna.

Waqt dan is-seminar il-partecipanti taw sehemhom f'workshops li fihom thaddem parti mill kurrikulu li gie ffurmat. Wara sar analizi fuq ir-rizultati ta' dawn il-workshops. Ghad baqa' hafna xi jsir f'dan il-kurrikulu izda nistghu nghidu li issa hemm qafas sod li jista' jigi zviluppat u pperfezzjonat skond il-htigijiet ta' l-individwi u c-cirkostanzi ta' fejn ikun qieghed jigi uzat.